Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **46** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2016 fl-4:30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Charlot Cassar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużati | Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt |

## ***Aġenda***

1. Approvazzjoni tat-Tender: KLM 2016/01 – Tender for environmentally friendly cleaning services for Public convenience in Marsaskala.

- Il-Kunsill ta' ċans lis-Sur Matthew Pace biex jagħti iktar dettalji dwar il-Euro village. Is-Sur Pace spjega li huwa se jagħmel kollox ġewwa l-encrochment tiegħu u rnexxielu jġib il-permess uffiċjali biex ikun rikonoxxut bħala l-ewwel Euro cup Finals village fin-nofsinher ta' Malta.

Il-Kunsillier Is-Sur Lawrence Ciantar spjega li l-Kunsill fis-seduta preċedenti kien għamel policies sabiex ikun jista japplikahom għal kull applikazzjoni li ser jirċievi. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill se jkun qed jitlob għaċ-ċertifikazzjonijiet neċessarji sabiex jassigura li l-big screens ikunu installati u ċċertifikati għas-sigurta' f'postijiet pubbliċi.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni għal dan il-Euro Village.

Is-Sur Matthew Pace ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni tiegħu PA 1903/16 fejn ġie mgħarraf mil-Perit tiegħu li l-Kunsill kien daħħal oġġezzjoni iebsa ħafna.

Saret diskussjoni fuq l-oġġezzjonijiet li kien daħħal il-Kunsill fosthom it-timber canopy, il-ħġieġ kif ukoll iz-zona fejn kien qegħdin jintalbu biex isiru l-imwejjed u siġġijiet. Madankollu l-Kunsill qabel li għandha tingħatalu parti mill-istess zona mitluba filwaqt li għandhom jiċċaqalqu xi bankijiet. Il-Kunsillier Lawrence Ciantar qal li l-bankijiet g]andhom jitwaħħlu fit-tarf cioe` mat-tarf tal-gym u l-imwejjed u siġġijiet m'għandomx jinħarġu sat-tarf tal-gate.

Ġie deċiz li s-Sur Matthew Pace għandu jemenda l-applikazzjoni u jnaqqas z-zona mitluba għal mwejjed u siġġijiet skond kif ġie diskuss fis-seduta.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

1.1 **<u>Approvazzjoni tat-Tender: KLM 2016/01 – Tender for environmentally friendly cleaning services for Public convenience in Marsaskala :</u>**

Il-Kunsill innota l-offerti kollha mitfugħa għas-sejħa għall-offerti KLM 2016/01 għat-tindif tal-lattrini kif ukoll għal punti kollha li kienu diġa tqajmu fis-seduta preċedenti u ħareġ għal dawn il-konkluzjonijiet.

Total Management solutions apparti li r-rata tiġi bil-prekarjat kien ukoll dikjarat bħala technically non complaint skond parir mid-Dipartiment tal-Kuntratti minħabba li ma kienx ipprovda l-lista ta' Cleaning equipment.

Christopher Bezzina ġie ukoll dikjarat bħala technically non complaint minħabba li ma kienx ipprovda l-lista ta' cleaning materials.

Il-Kunsill iddeċieda li din it-tender tingħata lil Annalise Farrugia peress li kienet l-orħos offerent li kienet technically and administratevly complaint mar-rekwiziti tat-tender.

Il-Kunsill qabel ukoll li jiltaqa magħha u jagħmila ċara li kif ser tonqos mill-obbligi kuntrattwali, l-Kunsill jibda japplika d-default notices u f'kaz li t-tender jiġi tterminat minn ma Annalise, il-Kunsill jekk ikun possibvli jirrikorri għat-tieni l-orħos offerent cioe' is-Sur Saviour Mifsud.

Kin hemm qbil unanimu dwar dan.

**<u>Il-Laqgħa spiċċat 5 :45pm.</u>**



_______________ _______________

*Josef Grech* *Mario Calleja*

Segretarju Eżekuttiv Sindku